# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Frar, 2001**

**Numru 33**

**Cit. Nru. 367/93 GV**

**Josephine mart Vincent Sammut, Maria armla minn Joseph Mallia, Jacquelina mart Saviour Attard, Rita mart Joseph Vella ahwa Agius u Mary mart Anthony Apap, Carmen mart Joseph Zammit, Joseph u Nicholas ilkoll ahwa Schembri bhala werrieta tal-mejta Giovanna mart Nicola Schembri u George, John u Sonia ahwa Schembri ulied il-mejjet Lucrezio Schembri**

**vs**

**Lorenzo, Emanuel, Carmela u Polly armla minn Joseph Portelli ahwa Agius u Joseph u Alexander ahwa Agius bhala werrieta tal-mejjet Mario Agius**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-atturi ppremettew illi l-partijiet joppossjedu in konun il-proprjeta' 19/20, Mill Street, Attard;

U premess illi l-konvenuti ghandhom ic-cwievet ta' l-istess post u qeghdin jirrifjutaw li jaghtu access lill-atturi ghal dan il-post;

U premess illi l-atturi ghandhom dritt li jgawdu u juzufruwixxu mill-istess post flimkien mal-konvenuti;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, tordna lill-konvenuti jaghtu access liberu lill-atturi ghall-post fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuti hekk eccepew ghat-talba ta' l-atturi:-

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma nsostenibbli billi l-atturi ma ghandhom ebda dritt ta' proprjeta' fuq il-fond in kwistjoni u dan kif gie sewwa rilevat fil-kawza bejn l-istess partijiet numru 458/79/AM deciza minn din il-Qorti fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 1991. Ghaldaqstant ma ghandhom ebda interess guridiku".

**Sintesi tal-provi**

L-ewwel Qorti hekk irregistrat il-provi, fil-fehma taghha, rilevanti ghall-mertu:-

"Maria Mallia xehdet li hi twieldet fil-fond in kwistjoni u meta kellha sentejn marret toqghod ma' hutha fil-post 27, St.

Anthony Str., Attard. Il-fond f'Mill Street, dejjem kien f'idejn il-ġenituri tagħha anke wara li marru St. Anthony Str. Missierha kien juzah biex isomm ziemel u ghan-negozju tal-gwiez. Tiftakar lill-genituri jghidu li l-fond kien taghhom u li missierha kien ihallas xi piz lill-Knisja darba fis-sena. Hija kienet rat ukoll ricevuti ta' dan il-piz mahruga fuq isem Lorenzo Agius u l-eredi. Qabel saret id-divizjoni hija kienet tidhol liberament fil-fond in kwistjoni.

Jacqueline Attard ikkonfermat dak li qalet Mallia.

Rita Vella ikkonfermat dak li qalu x-xhieda l-ohra u ziedet tghid li huha Lorenzo tiftakru jitlob lil ommu l-flus biex ikun jista' jhallas il-piz.

Josephine Sammut ikkonfermat dak li qalu hutha u ziedet tghid li gieli rat l-ircevuta tal-piz li missierha kien ihallas. Hi anke rat l-ircevuti tal-piz fuq isem Lorenzo Agius u l-eredi.

Emanuel Agius xehed li hu jaf li huh Lorenzo dejjem raqad u ghex fil-post ta' Mill Street. Hu rrefera ghax-xhieda li tah fil-kawza l-ohra. Huh biss kien jabita f'dan il-post. Meta miet missieru, l-kera beda jithallas biss minn huh Wenzu. Bhala familja huma dejjem ghexu fil-fond f'St. Anthony Str. Hlief ghal Wenzu. Il-fond dejjem jafu jinghalaq normali u mhux bil-gangetta. Meta kienu jmorru ghandu hutu, kienu jifthu jew hu jew huh. Huh kien ghamel tfittxija biex jara ta' min hi d-dar u sab li kienet tal-familja Frendo Randon. Hu dejjem jaf dina d-dar mikrija lil huh u qatt ma kkunsidraha bhala proprjeta' ta' missieru.

Lorenzo Agius xehed li hu minn dejjem jghix f'dan il-post. Ghamel riferenza ghax-xhieda tieghu fil-kawza l-ohra. Meta miet missieru, hu qaleb il-kera fuq ismu u beda jhallas il-kera wahdu. Hutu qatt ma hallsu kera. Il-familja tieghu kienu jghixu f'St. Anthony Str. Mentri hu kien jghix fil-post in kwistjoni. Il-post kien ikun maghluq normali. Kien ghamel ricerka u sab li l-post kien tal-fmailja Frendo Randon.

Qabel inkiser ma' hutu dawn ma kellhomx access ghall-post tieghu. Huma kienu jmorru fejn joqghod hu u jien jiftilhom. Hu kien qaleb il-kera fuq ismu xi snin wara li miet missieru. Ghall-ewwel kien ihallas lill-Arcipriet tal-Hamrun, imbaghad beda jhallas direttament lill-Kurja. Missieru kellu ziemel fil-post. Missieru kien ihallas il-kera. Sa' l-1977 l-ircevuti hargu fuq isem missieru allavolja kien mejjet. Ommu kienet mejta

ukoll. Meta mar biex jibdel il-ktieb tal-kera fuq ismu, il-kwistjoni tad-divizjoni ma kienetx ghadha inqalghet. Lil Dr. Frendo Randon qatt ma hallsu kera.

Louis Pace Balzan xehed li hu amministratur tal-beni tal-familja Randon. Il-fond in kwistjoni mhux fuq ir-registru li ghandu. Dr. Frendo Randon kien kellmu fuq dana l-fond u qallu li kien qed jaghmel ricerka dwaru.

Dr. R. Frendo Randon xehed li Katerina Sammut kienet ghamlet fondazzjoni u imponiet lira fis-sena perpetwa fl-atti tan-Nutar G. Frendo Micallef. 19/10/1897. Dan sar b'testment tal-19/10/1897. L-eredi ta' Katerina Sammut huwa d-dixxendenti tal-Profs. G. Randon. Hu kien kiteb il-Kurja dwar dana (fol. 52), fis-sens li d-dar kienet taghhom mentri l-Knisja kellha biss il-piz. Hu kien ircieva risposta (ara fol. 78) Hu rega' kiteb (ara fol 80) u rceva risposta (a fol 91) u ohra (a fol. 91) Lorenzo Agius qatt ma hallsu kera. Hu jhallas lill-Knisja".

## Decide

B'sentenza tat-28 ta' Novembru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi l-bazi ta' l-azzjoni ta' l-atturi hija li l-post hu proprjeta' ta' missierhom u ghalhekk wara l-mewt tieghu huma ppossedew dina l-proprieta' in komun mal-konvenuti u ghalhekk qed jitolbu d-dritt li jgawdu u juzufruwixxu mill-istess post flimkien

mal-konvenuti. Fil-fatt Maria Mallia, u huta l-ohra, ikkonfermaw fix-xhieda taghhom li l-fond f'Mill Street, dejjem kien f'idejn il-genituri taghhom anke wara li marru joqghodu St. Anthony Str. Missierhom kien jghid li l-fond kien tieghu u li kien ihallas xi piz lill-Knisja darba fis-sena.

Fil-kors tal-kawza saru provi u anke l-partijiet qed jaccettaw li l-fond m'huwkiex u qatt ma kien proprjeta' tal-Knisja (ara trattazzjoni fol 18 u dok a fol 36 u nota ta' l-atturi). Irrizulta wkoll li l-post ma kienx ta' missier l-atturi (Ara anke s-senenza tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1991).

Inoltre jirrizulta wkoll li fuq il-fond in kwistjoni mhux suppost li kien qed jithallas kera izda piz. (Ara l-istess ittra a fol 36) ghalkemm il-konvenut Lorenzo Agius baqa' jinsisti li hu kien ihallas il-kera fuq il-post.

Ghalhekk il-bazi ta' l-azzjoni li l-atturi pproponew, cioe' li l-post kien proprjeta' ta' missierhom ma tirrizultax u ghalhekk il-konvenut kellu ragun jghid li l-fond qatt ma kien ta' missieru. Il-premessa li fuqha hija bazata c-citazzjoni hi li l-atturi jippossjedu l-post in komun mal-konvenuti ghax kien ta' missierhom.

L-atturi jridu jipprovaw t-talba taghhom u l-konvenuti ma jridu jipprovaw xejn.

L-atturi ma jistghux jiprpetendu li jibdlu f'nofs kawza l-kawzali taghhom u jibbazaw it-talba taghhom fuq premessa ohra mhix imsemmija fic-citazzjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi issa qed jippretendu li l-pussess tal-fond ghadda legalment f'idejn il-werrieta kollha tal-mejjet u kkwotaw l-artikolu 530(1) tal-Kodici Civili li 'l-pussess jissokta b'jedd fil-persuna tas-successur b'titolu universali".

Skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati:

"Il-kawzali tad-domanda hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tigi mibdula u mhux lectu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni".

Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju ta' l-ekwipollenza fil-kazijiet fejn il-kawzali ma tkunx espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-

kaz ta' kawzali aktarx imfissra lakonikament" (ara sentenza G. Calleja vs. Av. Dr. J. Herrera et PA JSP 5/10/1992).

F'dana il-kaz minn kawzali l-atturi qed jipprovaw jghaddu ghal kawzali ohra u mhux kaz ta' kawzali mhix espressa b'mod car. Jekk il-partijiet m'ghandhomx il-fond in komun ghax mhux ta' missierhom, il-Qorti ma tistax f'dina l-kawza tfittex jekk hemmx xi raguni ohral l biha l-partijiet qeghdin in komun jew tezamina b'liema qed izomm il-post il-konvenut. Dak irid jigi ndagat f'kawza separata u mhux f'dina.

"Dak li jinghad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova" (App. Civ. Chircop vs. Dr. Fr. Frendo Randon noe 12/10.79) u ghalhekk l-atturi ma jistgux fit-trattazzjoni taghhom jaghmlu provi u jgibu difizi li ma tqajjmux waqt il-kawza".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-atturi appellaw minn din is-sentenza ghax hassewhom aggravati li l-ewwel Qorti kienet immisinterpretat il-fatti li gew kjarament provati, u konsegwentement, kienet iddecidiet il-kawza fuq premessi zbaljati. L-aggravju ta' l-appellanti jista' jigi hekk puntwalizzat:-

1. Huma jissottomettu li kellu jirrizulta b'mod inekwivoku mill-att tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni taghhom illi huma ppremettew ghat-talba taghhom li l-kontendenti jippossjedu l-post in kwistjoni u ma kienx minnu li huma ppremettew li missierhom kien proprjetarju ta' l-istess. Il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-bazi ta' l-azzjoni attrici kienet li l-post kien proprjeta' ta' missierhom kienet allura skorretta.

2) Hu provat illi missier il-kontendenti kien ihallas piz piju, u mhux kera, ta' Lm1.50 fis-sena lill-Knisja. Il-kwistjoni allura ghalhekk kienet biss u mill-bidu nett jekk l-appellanti, bhala werrieta ab intestato tal-genituri taghhom, kellhomx dritt ta' pussess fuq il-fond, fl-istess mizura li kellhom il-konvenuti appellati li wkoll kienu werrieta tieghu, u dana indipendentement minn min kien il-proprjetarju ta' l-istess. L-appellanti allura jsostnu li huma kellhom biss jipprovaw li missierhom kellu il-pussess legali tal-fond, kif fil-fatt irnexxielhom jaghmlu. L-azzjoni minn dejjem kienet bazata fuq dan il-binarju.

3) L-appellanti jissottomettu wkoll li mill-provi jirrizulta li l-genituri tal-kontendenti kienu fil-pussess tal-fond in kwistjoni li sal-1977 (u cioe' aktar minn ghoxrin sena wara l-mewt ta' missier il-kontendenti Giuseppe Agius, li miet fl-1956) l-iricevuti tal-hlas tal-piz piju, rilaxxjati mill-Kurja, baqghu jinhargu fuq isem l-imsemmi missierhom. Dan ma setghax ma jfissirx li l-pussess tal-fond kien legalment ghadda favur il-werrieta ab intestato tal-mejjet, u cioe' tal-kontendenti kollha.

4) L-appellanti jirribattu li l-fond de quo kien fil-pussess tal-genituri tal-kontendenti mhux b'titolu ta' kera izda bis-sahha ta' piz piju li kien jithallas mill-Knisja kull sena. Dana kuntrarjament ghal dak li jsostni Lorenzo Agius appellat.

5) It-tezi ta' l-appellanti ghalhekk hi li mill-provi jirrizulta car illi:-

i) li l-fond in kwistjoni kien minn dejjem fil-pussess tal-genituri tal-kontendenti, u dawn, ghalkemm mhux necessarjament, kienu proprjetarji ta' l-istess;

ii) il-fond qatt ma kien mikri, la lill-mejjet Giuseppe Agius u wisq anqas lill-konvenut ibnu Lorenzo Agius; u

iii) kien jithallas piz annwali lill-Kurja mill-genituri tal-kontendenti u sussegwentement mill-werrieta taghhom ab intestato u, cioe', il-kontendenti kollha, liema piz illum gie mifdi minnhom.

Dan ifisser illi l-genituri tal-kontendeti kellhom il-pussess legali tal-fond u li l-kontendenti uliedhom, li wirtuhom ab intestato f'ishma indaqs, kellhom il-jedd li jirtu l-istess pussess legali u li jgawdu fl-istess mizura li kienu qed igawduh il-konvenuti appellati kif jiddisponi l-artikolu 530 (1) tal-Kodici Civili.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti ezaminat sewwa l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll l-atti ta' kawza ohra maghha konnessa li ggib in-numru 458/79 u li biha l-atturi talbu d-

divizjoni tal-proprjeta' in komun bejn il-kontendenti. Jirrizulta li f'din it-tieni kawza l-atturi odjerni kienu wkoll qeghdin jippretendu illi l-fond mertu ta' din il-kawza kien jifforma parti mill-assi ereditarju tal-genituri li taghhom il-kontendenti kienu eredi fi kwoti ndaqs.

Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellati illi l-kawza kienet impostata originarjament fuq il-premessa li l-atturi kienu ko-proprjetarji tal-fond, flimkien mal-konvenuti, anke jekk t-terminu wzat, kemm fl-att tac-citazzjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata "jippossjedu in komun il-proprjeta'" kien xi ftit ambigwu. Jirrizulta nfatti illi l-provi kollha migbura fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti kienu proprju mmirati biex jistabilixxu dan id-dritt ta' proprjeta' ad eskluzzjoni tad-dritt ta' haddiehor. Meta kien evidenti li dan l-iskop ma setghax jintlahaq, nonostante l-indagni funditus fil-petitorju, l-atturi ttantaw jibbazaw l-azzjoni fuq allegata komunjoni tal-pussess. Infatti jirrizulta mill-atti tal-kawza ta' divizjoni li l-atturi kienu qed jippretendu li l-genituri tal-kontendenti kienu akkwistaw il-fond 19/20, Mill Street, Attard, b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva tregennali, waqt li l-konvenut appellat, Lorenzo Agius, kien qed jippretendi, f'dik il-kawza, li l-awtur taghhom kien qed jiddetjeni l-fond b'titolu ta' lokazzjoni.

Pozizzjoni din li giet sostnuta ukoll fil-bidu ta' din il-kawza tant li l-konvenuti eccepew ghad-domandi attrici illi dawn kienu nfondati fil-fatt u

fid-dritt billi l-atturi "m'ghandhom l-ebda dritt ta' proprjeta' fuq il-fond in kwistjoni". Din l-ambigwita' dwar in-natura ta' l-azzjoni baqghet tippersisti anke waqt il-gbir tal-provi quddiem l-ewwel Qorti f'din il-kawza. Infatti, l-atturi kollha bil-gurament jikkonfermaw u jasserixxu li jiftakru li l-genituri taghhom "dejjem jghidu li dan il-fond kien taghna u missieri kien ihallas xi piz lill-Knisja darba fis-sena". Min-naha taghhom il-konvenuti jikkontestaw din id-dikjarazzjoni ta' proprjeta' u jsostnu li l-fond kien mikri lil Lorenzo Agius u qatt ma kkonsidraw li kien proprjeta' tal-missier.

Fir-rigward tal-proprjeta' tal-fond in kwistjoni gew stabbiliti dawn il-fatti:-

a) Li l-amminstrazzjoni tal-Joint Office taqbel u tiddikjara li dan ma hux proprjeta' taghha. L-interess tal-Kurja f'din il-proprjeta' kien limitat ghall-piz piju ta' Lm1.50 impost fuqu b'testment in atti Nutar Giuseppe Frendo Micallef tad-19 ta' Ottubru, 1989. Dan il-piz ma kien jaghti l-ebda jedd ta' proprjeta lill-Kurja, kien jithallas regolarment minn missier il-kontenenti u baqa' hekk jithallas wara mewtu mill-konvenut Lorenzo Agius, anke jekk ir-ricevuti baqghu johorgu fuq il-missier. Il-konvenut Lorenzo Agius kien iqis dan il-pagament bhala kera. Jidher li fil-mori ta' din il-kawza dan il-piz piju kien gie mifdi mill-atturi.

b) Jirrizulta li hemm indikazzjoni ta' prova illi dan il-fond kien jappartjeni lill-familja Randon u kien provenjenti lilha mill-eredita' ta' Caterina Sammut li fil-fatt kienet ghamlet il-fondazzjoni tal-piz piju. Ghall-fini ta' din il-kawza dan l-aspett tal-vertenza mhux qed jigi determinat ghax li jinteressa lill-Qorti hu l-fatt biss li ma giex provat illi l-atturi kellhom titolu ta' proprjeta' fuq il-fond. Ta min jinnota li fis-sentenza li nghatat fil-kawza Citaz. Nru. 458/79 AM tat-18 ta' Ottubru, 1991, f'kawza li kif inghad, kienet tinvesti l-mertu tal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assijiet tal-genituri tal-kontendenti, il-fond de quo ma jiffigurax fost l-attiv f'dawn l-ereditajiet. Dik is-sentenza ghaddiet in gudikat. Rilevanti allura l-fatt illi kien hemm in kontestazzjoni bejn il-partijiet ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti li l-kontendenti "ma qablux li jhallu in komun id-drittijiet taghhom fuq il-fond 19/20, Mill Street, Attard, u jitolbu lill-Qorti tiddeciedi jekk il-fond huwiex proprjeta' ta' l-eredita' u allura tal-kontendenti kollha, f'liema kaz irid jigi licitat, jew kienx f'idejn l-awtur tal-kontendenti kif qed jippretendu l-konvenuti, u allura lil min mill-kontendenti jappartjenu dawn id-drittijiet ta' lokazzjoni".

c) Il-Qorti, fis-sentenza taghha, eskludiet li dan il-fond kien ta' proprjeta' tal-genituri u allura ma inkludietux fid-divizjoni. Eskludiet ukoll li l-genituri tal-kontendenti kienu akkwistaw il-fond permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Dik il-Qorti rriteniet li una volta kien asserit illi missier il-kontendenti kien ihallas dak li huwa kien jahseb

li hu kera, hu ma setghax jakkwista permezz ta' preskrizzjoni. Dan kien legalment pacifiku. Irriteniet ukoll li lanqas l-atturi ma setghu jippreskrivu ghaliex kien mankanti l-elementi intenzjonali uti dominus ta' l-awtur taghhom. Dik is-sentenza tkompli hekk: "Illi ghalhekk il-fond in kwistjoni ma jappartjenix lill-assi ereditarju. U l-kompitu tal-Qorti ghandu jieqaf hawn billi l-mertu tal-kawza huwa dak li jigi deciz jekk il-fond jappartjenix lill-assi biex tigi determinata l-konsistenza ta' l-istess assi, u mhux li l-Qorti tippronunzja ruhha dwar it-titolu ta' dak li ma jappartjenix lill-assi ereditarju, u ghalhekk stricto iure mhux rilevanti ghall-kawza odjerna x'titolu jista' jkollhom l-awturi jew il-konvenuti, imma biss jekk il-fond jappartjenix lill-assi ereditarju".

Kristallizzata u definita b'sentenza li ghaddiet in gudikat il-mankanza ta' titolu ta' proprjeta' fl-awturi tal-kontendenti fil-fond in kwistjoni, u konsidrat li l-prezenti istanza giet intavolata wara li gie b'hekk definit li l-awtur tal-kontendenti, u allura l-istess atturi, ma setghux kellhom u ma jistghux ikollhom titolu ta' proprjeta' jew ko-proprjeta' fil-fond de quo, kellha naturalment tigi eskluza l-ipotesi li n-natura ta' l-azzjoni kienet wahda biex tirrivendika t-titolu ta' proprjeta' fuq il-fond. Dan nonostante l-ambigwita' ta' kif giet redatta c-citazzjoni u l-ambivalenza tal-provi prodotti mill-istess atturi li baqghu, kif inghad, anke f'din il-kawza, jinsistu li huma proprjetarhji tal-fond. Ridotti f'dawn it-termini l-azzjoni attrici bilfors tirriduci ruhha ghall-pretensjoni ta' l-atturi li huma ko-

possessuri ta' proprjeta' li fuqha gie stabbilit gudizzjarjament li ma kellhom l-ebda titolu ta' proprjeta'. Konxji minn din ir-realta' li timmina l-bazi ta' l-azzjoni taghhom, l-atturi jittantaw li jeradikaw titolu ta' pussess li allegatament kellu missierhom fuq il-fond de quo fil-mument tal-mewt.

Kien ghalhekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti ssottomettew illi: "Il-pussess tal-fond ghadda legalment f'idejn il-werrieta kollha tal-mejjet fit-termini ta' l-artikolu 530(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi li: "Pussess jissokta li jedd fil-persuna tas-successur b'titolu universali". Anke jekk din il-Qorti kellha tiehu din il-premess bhala l-bazi ghat-talba ta' l-atturi, hi kellha xorta tasal ghall-konkluzzjoni li d-domanda kienet insostenibbli. Infatti l-atturi appellanti kellhom, biex l-azzjoni taghhom tirnexxi f'dawn it-termini, jippruvaw fl-ewwel lok il-pussess li allegatament kellu missierhom fuq il-fond, u dan apparti konsiderazzjonijiet ohra tal-ligi.

Da parti tal-konvenuti appellati, u b'mod partikolari tal-konvenut Lorenzo Agius, dawn ma kellhom ghalfejn jipprovaw assolutament xejn. Dan ghaliex hu pacifiku illi dan Lorenzo Agius mhux biss kien l-attwali possessur, esklusiv, materjali tal-fond, imma wkoll hekk kien sa minn qabel il-mewt tal-missier. Lorenzo Agius seta' facilment isib konfort fil-principju "possideo quia possideo" u jitfa' l-oneru shih tal-prova fuq l-atturi. Hu naturali li s-subinciz 1 ta' l-artikolu 530 li fuqu l-atturi jidhru li

issa qed jistriehu u li jipprovdi li l-pussess jissokta b'jedd fil-persuna tas-successur b'titolu universali, isib applikazzjoni biss jekk ikun hemm il-prova certa, univoka u guridikament korretta illi l-persuna li tigi mill-werriet succeduta – f'dan il-kaz missier il-kontendenti – verament kellu l-pussess tal-fond.

Issa s-subinciz 1 ta' l-artikolu 524 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-pussess huwa d-detensjoni ta' haga korporali jew id-dgawdija ta' jedd li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta' u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu. Detenzjoni ta' haga korporali, f'dan il-kaz il-fond de quo, timporta kjarament il-fatt fiziku u materjali tal-pussess. Dan certament u indubbjament kien igawdih unikament il-konvenut Lorenzo Agius sa minn qabel il-mewt ta' missieru. In tema possessorja allura, l-atturi setghu biss jippretendu li kellhom il-pussess ta' "it-tgawdija ta' jedd li tieghu setghet tinkiseb il-proprjeta'". Mill-provi prodotti, kemm f'din il-kawza u kemm fil-kawza l-ohra ta' divizjoni li ghaliha saret fuq ampja riferenza, ma jirrizulta bl-ebda mod id-dgawdija ta' liema jedd l-atturi appellanti kienu jippretendu jew setghu jippretendu li kellu missierhom fuq il-fond de quo fil-mument tal-mewt tieghu.

Fir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi appellanti jissottomettu li gie provat u stabbilit li l-genituri tal-kontendenti kellhom il-<u>pussess legali</u> tal-fond. Il-pussess legali f'dan il-kuntest jimporta titolu ta' xi xorta fuq il-fond li

kien jintitola lill-genituri tal-kontendenti li jippossjedu l-fond kemm personalment, kif ukoll permezz ta' min kien jippossjedi l-fond tramite titolu minn ghandhom. L-appellanti ma rnexxielhom bl-ebda mod jippruvaw din ix-xorta ta' pussess legali. Indubbjament il-hlas ta' piz piju mill-missier, impost fuq il-fond u minnu mhallas meta dan ma kien bl-ebda mod minnu dovut, ma seta' qatt jimporta d-dgawdija ta' xi jedd fuq il-fond de quo li tissodisfa d-definizzjoni ta' pussess fis-subinciz wiehed ta' l-artikolu 524 tal-Kap 16. Tirrizulta allura nieqsa l-prova konkluziva ta' l-ewwel premessa ghat-talba attrici, vitali biex l-azzjoni, kif proposta, anke jekk konsidrati t-termini lakonici taghha, tirnexxi.

Ghal dawn il-motivi, u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, is-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm